5 ta’ Mejju 2025

Lil KPKK,

Qed nikteb din in-nota b’urġenza dwar il-proġett tal-parroċċa tan-Nadur PA1728/06, li xi ftit tax-xhur ilu ġejna kkuntatjati dwaru, jekk għadniex interessati li mmexxu bl-applikazzjoni peress li dakinhar kienet ġiet approvata u skont l-iskambju ta’ emails bejn il-Unit Manager (Development) u l-Perit tagħna ngħadd li kellhom jintalbu biss il-*conditional requirements* mingħand l-SCH. Madanakollu rċivejna din ir-risposta:

> The SCH have replied that they have noted the Grade 1 status of the church, the architectural interest of the townhouse itself and the impact on the corner niche of Our Lady of Mount Carmel which is on the National Inventory. They noted that they are generally averse to the proposal since this can create a dangerous precedent as there are other churches having a similar configuration.
>
> They have also noted that they have consulted the KPKK and will revert with a formal reply once they have the KPKK position.

Għalhekk ħassejt li għandi niktbilkom direttament peress li sirna nafu li għandkom tiddiskutuha b’mod imminenti. Min-naħa tiegħi bħala Arċipriet tan-Nadur minn Settembru 2024, ġejt mgħarraf b’din l-applikazzjoni li saret żmien ilu mill-Arċipriet ta’ qabli, għax dakinhar fl-2011 il-Knisja kienet teħtieġ estensjoni tas-Sagristija prinċipali (tan-Nofsinhar) u l-parroċċa kellha bżonn ta’ uffiċċji parrokkjali ġodda. L-applikazzjoni għal dan il-proġett saret fis-17/03/2006 u ġie approvat fil-25/01/2011 wara 5 snin ta’ evalwazzjoni. Għalhekk qed narawha diffiċli nifhmu kif issa l-PA trid terġa’ tibda l-konsultazzjoni mal-SCH. Veru li għadda ż-żmien u teħtieġ issir ri-evalwazzjoni, però nħoss li m’għandniex nirrevokaw ħaġa li diġà ġiet approvata u skont raġunamenti validi u wara tant konsultazzjonijiet. Fl-istess waqt inħoss li kien provvidenzjali li ma sarx dakinhar għax hekk nistgħu nagħmlu l-modifiki neċessarji għall-ħtiġijiet tal-lum li nħossu li huma aktar urġenti minn ta’ qabel.

Il-Knisja teħtieġ post adegwat fejn terfa’ ħafna mill-patrimonju artistiku u sagru tagħha. Veru li s-sagristiji tagħha huma żgħar ħafna u bħalissa l-opri sagri huma mxerrdin: uħud f’mużew ċkejken fiċ-Ċentru Parrokkjali, oħrajn fil-garaxx ta’ taħt iċ-Ċentru, u oħrajn fil-kmamar żgħar ta’ madwar u fuq is-sagristiji tal-knisja: sitwazzjoni li qed toħloq diffikultà kbira kull meta jkunu meħtieġa biex jintużaw fil-knisja f’ċertu festi. L-iskariġġ kkawża ħafna ħsara, fosthom lit-tużell li bħalissa jinsab għar-restawr (mhux biss għax waqa’ b’inċident, imma wkoll għax diġa’ kien fi stat ħażin minħabba l-umdità li hemm fil-garaxx taċ-Ċentru fejn hu miżmum). Barra minn hekk it-tixrid u l-isparpaljar ta’ dawn l-oġġetti sagri maż-żmien għamilha iktar faċli biex uħud mill-oġġetti għebu jew insterqu skont kif jirrakkuntaw x’uħud mis-saċerdoti.

L-idea għalhekk nibtet fost il-Kunsill tal-Patrimonju tal-Parroċċa tan-Nadur flimkien mal-Presbiterju li d-dar msemmija fil-proġett oriġinali tiġi trasformata f’Ċentru Kulturali tal-Arti u Mużew tal-Arti Sagra li jikkonserva b’mod permanenti u adegwat l-opri tal-arti tal-parroċċa kollha f’post wieħed.

Xtaqna għalhekk nirrivIżitaw il-proġett u minflok uffiċċji ikun hemm swali għall-wiri u/jew konferenzi fuq l-arti sagra u l-kultura reliġjuża, u minflok l-istore propost fuq is-sagristija, fil-post fejn sa dakinhar kien hemm ir-radju komunitarju, jiġi trasformat fit-“Teżor tal-Bażilika”

fejn jiġu miżmuma u esposti b’mod permanenti l-fided u l-opri l-iktar prezzjużi tal-Knisja. Għal dan l-iskop xtaqna li l-*bridge* bejn id-dar u l-Knisja ma jsirx fil-livell t’isfel, imma fil-livell ta’ fuq nett, minn fuq iċ-ċinta tal-Knisja, b’materjal riversibbli u b’mod li ma jmissx mal-binja u l-arkitettura oriġinali tal-Knisja. Fuq in-naħa tad-dar imbagħad jsir *lift* li jinbena fil-bitħa, b’tali mod li ma jintmess assolutament xejn mill-istruttura, mit-taqsim tal-kmamar, mill-kaxxa tat-taraġ u l-karatteristiċi kollha tad-dar l-antika.

Jiddispjaċina li għad m’għandniex pjanti kompluti biex nurukom b’mod aktar ċar dan il-ħsieb, peress li għadna fi stadju preliminari. Però nemmnu li hemm veru bżonn li dan il-proġett taċ-Ċentru tal-Arti jkun konness mas-swali ta’ fuq is-sagristija tal-knisja permezz ta’ *bridge,* ħalli jkun hemm aċċess indipendenti mill-ftuħ tal-Knisja, u sabiex jkun hemm attrattiva arkitettonika moderna interessanti li tgħaqqad il-Knisja mal-Kultura. Fil-fatt qed nerġgħu nikkunsidraw u nimmodifikaw dan il-proġett ħalli żgur ikun ta’ servizz għall-komunità filli tapprezza iktar il-wirt kulturali u artistiku tagħha. L-idea tal-*bridge* modern u riversibbli bejn il-Knisja u ċ-Ċentru tal-arti/kultura ħassejna li għandu jkollu sinjifikat simboliku u kunċettwali, minbarra dak prattiku. Għax hekk mingħajr ebda spjegazzjoni jkun qed juri kif il-Knisja qed toħloq “pont” mal-Kultura, u kif l-attività tal-kultura kontemporanja għandha “pont” li jgħaqqadha mal-wirt reliġjuż tal-passat.

Ippermettuli però nosserva li l-argument li dan il-*proposal* jista’ joħloq preċedent perikoluż peress li hemm knejjes oħra li għandhom konfigurazzjoni simili, ma nħossx li japplika wisq għalina għax:

- nemmnu li kull każ għandu jiġi studjat għalih, u qatt ma jistgħu jinħarġu permessi sempliċement fuq ir-raġunar li “la ħaduh dawk, għandi nieħdu jien ukoll”.
- u nifhmu li dan il-preċedent ma jistax ikun perikoluż għax mhux qed jitraskura l-wirt arkitettoniku u kulturali tagħna u fl-istess ħin qed jiproponi żvilupp sostenibbli u kontemporanju f’armonija maż-żmien li qed ngħixu llum.

Nixtiequ għalhekk, ġentilment nitolbukom tagħtuna s-suġġerimenti tagħkom ħalli nfasslu u nimmodifikaw il-proġett skont il-ħtiġijiet li semmejnielkom hawn fuq, għax nemmnu li jista’ jkun veru utli għall-Knisja tagħna u rispettuż lejn l-ambjent arkitettoniku taż-żona interessata. Veru li għaddew ħafna snin minn mindu ngħatajna din l-approvazzjoni u ma sar xejn minħabba raġunijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilità taż-żewġ naħat, imma xorta nemmen li l-fatt li ma sar xejn kien provvidenzjali sabiex nirrivedu l-proġett, u nbiddlu l-pożizzjoni tal-*bridge* b’mod li jaqdi iktar l-iskop tiegħu. Barra minn hekk nemmnu li m’hu xieraq għal ħadd li sempliċement inwaqqgħu jew nirrevokaw din il-proposta biex minflokha ssir waħda ġdida jew differenti: sew għaliex dan ikun ifisser li rridu nidħlu fi spejjeż oħra bla bżonn u sew għaliex nemmen li hekk ma nkunux qed nirrispettaw ix-xogħol u s-sagrifiċċji li saru minn ta’ qabilna.

Filwaqt li nitlobkom tgħinuna noħolqu proġett sostenibbli u utli għall-komunità tagħna, nirringrazzjakom ħafna tad-dedikazzjoni u s-servizz tagħkom lejnna.

Arċipriet Dun Krystof Buttigieg

132d



Annex first floor as approved but not constructed
to be re-developed as a musuem/exhibition space
718887
alley
EDWARD SCERRI
B.E.&A. (Hons), Dip. (Conservation), A.&C.E.
Flat 1, 'Il-Mall',
Gorg Borg Olivier Street,
Victoria - Gozo, Malta.
Tel: (+356) 2155 5248
PROPOSED ELEVATION FACING TRIQ RAKELA CAMILLERI
Bridge approved in PA/1728/06 will be relocated to a
higher level above top cornice to connect unused space
above sacristy with accessible roof level of annex
1 0 1 2 5 10 15 20m
SCALE 1:100
EDWARD SCERRI
B.E.& A.(Hons.), Dip. (Conservation), A.& C.E., OLJ
Architect and Civil Engineer
Project
NADUR, GOZO
TO CONSTRUCT AN ANNEX TO THE BASILICA OF STS. PETER PAUL
AT PJAZZA 28 T'APRIL 1688
Client
NADUR PARISH
Dwg. Name
PROP. STREETSCAPE & BRIDGE
Scale
1:100
Dwg. No.
7 (amended)
Date
July 2008
Printed with Hewlett Packard 350C Plotter




132g



Space above sacristy sanctioned through PA/6391/03
but currently accessible only through the sacristy's s
piral stairs - being proposed to house the basilica's
silverware and other precious items
Annex first floor as approved but not
constructed to be re-developed
as a museum/exhibition space
VOID
(church aisle above
main altar)
store
store
store
connecting passage
sacristy
lobby
entrance
lobby
alley
Bridge approved in PA/1728/06
will be relocated to a higher level
above top cornice to connect unused
space above sacristy with accessible
roof level of annex
SECTION THRO' BRIDGE AA'
1 0 1 2 5 10 15 20m
SCALE 1:100
EDWARD SCERRI
B.E.& A.(Hons.), Dip. (Conservation), A.& C.E., OLJ
Architect and Civil Engineer
Project
NADUR, GOZO
TO CONSTRUCT AN ANNEX TO THE BASILICA OF STS. PETER PAUL
AT PJAZZA 28 T'APRIL 1688
Client
NADUR PARISH
Dwg. Name
PROPOSED SECTION THROUGH ALLEY
Scale
1:100
Dwg. No.
8 (amended)
Date
January 2011
Printed with Hewlett Packard 350C Plotter


PA/01728/06 - 132b - Valid, Available To Public - Kimberly Camilleri on behalf of Edward Scerri - 05/05/2025
132b
PJAZZA DUN MARTIN CAMILLIERI
Annex first floor as approved
but not constructed to be
re-developed as a
museum/exhibition space
lift
w.c.
sacristy annex
store
sacristy
(vaulted ceiling)
sacristy
(vaulted ceiling)
main altar
confession room
prayer room
kitchenette
passage between sacristies
crosses in front of main altar
presbyterium
meeting room
718883
PROPOSED CHURCH ELEVATED GROUND FLOOR
Bridge approved in PA /1728/06
will be relocated to a higher level
above top cornice to connect
unused space above sacristy with
accessible roof level of annex
PROPOSED ANNEX FIRST FLOOR
EDWARD SCERRI
B.E.&A.(Hons.), Dip. (Conservation), A.&C.E., OLJ
Architect and Civil Engineer
NADUR, GOZO
TO CONSTRUCT AN ANNEX TO THE BASILICA OF STS. PETER PAUL
AT PJAZZA 28 T'APRIL 1688
NADUR PARISH
PROPOSED FIRST FLOOR
1:100
3 (amended)
July 2008
Printed with Hewlett Packard 350C Plotter
PJAZZA 28T' APRIL 1688
SCALE 1:100
Page 1 of 1


PA/01728/06 - 132c - Valid, Available To Public - Kimberly Camilleri on behalf of Edward Scerri - 05/05/2025
132c
PJAZZA DUN MARTIN CAMILLIERI
Annex first floor as approved
but not constructed to be
re-developed as a
museum/exhibition space
alley
secondary entrance
printing
lift
lobby
yard
pastoral office
sacristy
(vaulted ceiling)
sacristy
(vaulted ceiling)
main altar
archpriest office
waiting area
store
w.c.
entrance hall
administrative office
passage between sacristies
crosses in front of main altar
718884
Bridge approved in PA/1728/06
will be relocated to a higher level
above top cornice to connect
unused space above sacristy with
accessible roof level of annex
PROPOSED CHURCH ELEVATED GROUND FLOOR
PROPOSED ANNEX GROUND FLOOR
EDWARD SCERRI
B.E.&A.(Hons.), Dip. (Conservation), A.&C.E., OLJ
Architect and Civil Engineer
NADUR, GOZO
TO CONSTRUCT AN ANNEX TO THE BASILICA OF STS. PETER PAUL
AT PJAZZA 28 T'APRIL 1688
NADUR PARISH
PROPOSED GROUND FLOOR
1:100
2 (amended)
July 2008
Printed with Hewlett Packard 350C Plotter
PJAZZA 28T' APRIL 1688
church parvis is reached by
a ramp appositely constructed
after report prepared by NCPD
SCALE 1:100
Page 1 of 1

PA/01728/06 - 132f - Valid, Available To Public - Kimberly Camilleri on behalf of Edward Scerri - 05/05/2025

106d 132f






PA/01728/06 - 132e - Valid, Available To Public - Kimberly Camilleri on behalf of Edward Scerri - 05/05/2025

132e




Search Google Maps
Share
R Camilleri
Nadur
Google Street View
Oct 2016
Hide imagery


Triq San Gorg Preca
Quaint Boutique Hotel Nadur
4.7 (201)
2-star hotel
Triq Mamma Camilleri
Il-Barrag Farmhou
B&B - Gozo
Nadur Parish Church
R Camilleri
STOP
Il Knisja
R Camilleri
Parish Street
Triq Cicciano